



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Lulju 2019
(OR. en)

9723/19

Fajl Interistituzzjonal:
2019/0804 (CNS)

ECOFIN 522
UEM 152

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda I-Protokoll Nru 5 dwar I-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investiment

DEĊIJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta' ...

li temenda l-Protokoll Nru 5 dwar l-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investiment

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-talba tal- Bank Ewropew tal-Investiment,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea²,

Filwaqt li jaġixxi skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

¹ Opinjoni ta' ... (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Opinjoni ta' ... (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Fil-laqgħa tiegħi tal-11 ta' Diċembru 2018, il-Bord tad-Diretturi tal-Bank Ewropew tal-Investiment (il-"Bank") approva skeda ta' żmien biex jimplimenta l-bidliet fil-governanza li kien stabbilixxa flaqgħa fis-17 ta' Lulju 2018.
- (2) Wara deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank tat-22 ta' Ġunju 2018, grupp ta' ħidma ta' livell għoli dwar l-azzjonisti ġie mlaqqqa' biex janalizza l-possibiltajiet li ċerti Stati Membri jissottoskrivu kapital addizzjonali fil-Bank.
- (3) Huwa xieraq li jiżdied il-kapital sottoskritt tal-Polonja b'EUR 5 386 000 000 f'konformità mat-talba tagħha.
- (4) Huwa xieraq ukoll li jiżdied il-kapital sottoskritt tar-Rumanija b'EUR 125 452 381 f'konformità mat-talba tagħha.
- (5) Fil-kuntest ta' dawk iż-żidiet, id-dispożizzjonijiet dwar in-nomina ta' membri supplenti fil-Bord tad-Diretturi tal-Bank minn gruppi ta' Stati Membri li jaġixxu bi qbil komuni jenħtieġ li jiġu emendati wkoll.
- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Istatut tal-Bank jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll Nru 5 dwar l-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investiment, anness għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huwa emendat kif ġej:

(1) l-ewwel subparagraphu tal-Artikolu 4(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-parti introduttora tinbidel b'dan li ġej:

'1. Il-kapital tal-Bank għandu jkun ta' EUR 248 795 606 881, sottoskrift mill-Istati Membri kif ġej:';

(b) il-linji li jikkonċernaw il-Polonja u r-Rumanija jinbidlu b'dan li ġej:

'Polonja 11 366 679 827'

'Rumanija 1 639 379 073';

(2) it-tielet subparagraphu tal-Artikolu 9(2) jinbidel b'dan li ġej:

'Id-diretturi supplenti għandhom jinhātru mill-Bord tal-Gvernaturi għal ġames snin kif jidher hawn taħt:

- żewġ diretturi supplenti nominati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja,
- żewġ diretturi supplenti nominati mir-Repubblika Franċiża,

- żewġ diretturi supplenti nominati mir-Repubblika Taljana,
- żewġ diretturi supplenti nominati bi qbil komuni bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża,
- tliet diretturi supplenti nominati bi qbil komuni bejn ir-Renju tal-Belġju, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu u r-Renju tan-Netherlands,
- tliet diretturi supplenti nominati bi qbil komuni bejn ir-Repubblika tal-Kroazja, l-Ungerija u r-Repubblika tal-Polonja,
- erba' diretturi supplenti nominati bi qbil komuni bejn ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Ellenika, l-Irlanda u r-Rumanija,
- sitt diretturi supplenti nominati bi qbil komuni bejn ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja,
- sitt diretturi supplenti nominati bi qbil komuni bejn ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' Ċipru, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka,
- direttur supplenti wieħed nominat mill-Kummissjoni.'

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika xahar wara d-data li fiha tapplika d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/654¹.

Magħmul fī ...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/654 tal-15 ta' April 2019 li temenda l-Protokoll Nru 5 dwar l-Istatut tal-Bank Ewropew tal-Investiment (ĠU L 110, 25.4.2019, p. 36).